

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI  
A6-0065/2007

13.3.2007

\*

## RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteciġazzjoni tal-Komunità fiż-żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment (COM(2006)0621 – C6-0426/2006 – 2006/0203(CNS))

Kumitat għall-Baġit

Rapporteur: Esko Seppänen

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
PROCĊEDURA .....	8



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteciġazzjoni tal-Komunità fiż-  
żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment  
(COM(2006)0621 – C6-0426/2006 – 2006/0203(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0621)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/EC tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija tal-Komunità fil-Fond Ewropew ta' l-Investment<sup>2</sup>, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0426/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0065/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

<sup>2</sup> ĠU L173, 7.7.1994, p.12

## NOTA SPJEGATTIVA

### Introduzzjoni

Il-Fond Ewropew ta' Investiment inħoloq fl-1994 fuq il-bażi ta' l-Artikolu 308 tat-Trattat KE. L-irwol tiegħu huwa li jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-oġġettivi tal-Komunità permezz ta' dispożizzjoni ta' garanziji u ta' kapital tar-riskju għal intrapriżi; il-Fond jiffoka l-operazzjonijiet tiegħu b'mod partikulari fuq l-SMEs. L-EIF ma jipprovdi fondi b'mod dirett lill-intrapriżi - sakemm huma kkonċernati l-operazzjonijiet tiegħu ta' riżorsi, huwa jopera permezz ta' intermedjarji finanzjarji bħal fondi ta' kapital ta' riskju jew istituzzjonijiet ta' garanzija. Fi snin reċenti, il-profitti ta' l-EIF żdiedu b'mod konsistenti u l-fond ma rreġistrax telf; iżda, l-possibilità li jġarrab telf ma tistax tkun eskluża fis-snin li ġejjin.

Skond l-Istatuti tiegħu, l-EIF jopera fit-territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-pajjiżi li jridu jissieħbu, kif ukoll f'pajjiżi fil-viċinanza dejjem jekk huma involuti proġetti transkonfinali.

Il-valur nominali tal-kapital abbonat jammonta għal EUR 2 000 biljun (2 000 sehem ta' valur nominali ta' EUR 1 miljun kull wieħed), u l-livell tal-kapital imħallas ġie stabbilit għal 20%. L-azzjonisti ta' l-EIF huma l-Bank Ewropew ta' l-Investment, il-Komunità Ewropea rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea u numru ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Fil-preżent, il-Komunità għandha 30% ta' l-ishma ta' l-EIF.

### Sommarju u kummenti dwar il-proposta

Skond l-informazzjoni disponibbli, l-EIF se jkun uża r-riżorsi tiegħu stess sa nofs l-2007. Fil-preżent qed tkun proposta żieda fil-kapital tal-Fond biex tkun żgurata kontinwazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' riżorsi u mandati tiegħu stess (regoli ta' koinvestment).

Iż-żieda proposta timmira biex iżżid il-kapital b'50%, permezz ta' żieda fil-valur nominali tal-kapital abbonat sa EUR 3 000 biljun u bil-ħruġ ta' 1000 sehem ġdid ta' valur nominali ta' EUR 1 miljun. Ix-xiri tagħhom mill-Kummissjoni se jinfirex għall-perjodu ta' 4 snin (2007-2010), biex sa l-aħħar ta' l-2010 il-livell ta' parteċipazzjoni tagħha jinżamm sa 30%.

Fir-rigward ta' l-aspetti baġitarji, għandu jkun innutat li l-prezz attwali li jrid jitħallas għall-ishma huwa differenti mill-prezz nominali, u jiddependi mill-prestazzjoni tal-Fond. Għalhekk, il-ħtiġijiet baġitarji jistgħu jkunu stmati biss fuq il-bażi tas-sitwazzjoni fil-passat. Fit-tabella hawn taħt ġiet preżentata approssimazzjoni.

**Tabella: Tqassim indikattiv tan-numru ta' ishma u ħtiġijiet baġitarji relatati maż-żieda proposta ta' kapital għall-EIR (stima, li trid tiġi verifikata skond ir-riżultati futuri tal-Fond)**

	2007	2008	2009	2010	Total
Numru indikattiv ta' ishma biex ikun abbonat mill-partijiet li għandhom sehem	790	90	89	26	1000
Numru indikattiv ta' ishma biex ikun abbonat mill-Kummissjoni	95	90	89	26	300
Prezz ta' l-ishma annwali indikattiv (f'EUR)	326 526	338 912	351 406	364 376	
<b>Ħtieġa baġitarja indikattiva (f'EUR)</b>	<b>31 019 970</b>	<b>30 502 080</b>	<b>31 275 134</b>	<b>9 473 776</b>	<b>102 270 960</b>

Sors: Anness għall-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM (2006)621)

Se jkun hemm żewġ sorsi finanzjarji biex ikopru l-ispiża tax-xiri ta' l-ishma mill-Komunità:

- L-ewwel, skond l-aħħar Programmar Finanzjarju, kif preżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Jannar 2007, ammont ġenerali ta' EUR 100 miljun fuq il-perjodu 2007-2010 - EUR 25 miljun fis-sena - kien previst fil-baġit tal-Komunità għall-iskop ta' ffinanzjar tax-xiri ta' l-ishma ta' l-EIF maħruġa ġodda skond il-linja baġitarja 01 04 09. Dan l-ipprogrammar huwa identiku għal dak ta' qabel, ta' Mejju 2006, li għandu jintlaqa'.
- It-tieni, huwa propost li l-ispiża li baqa' tkun kopruta b'dividendi mill-EIF innutati mill-Komunità (linja baġitarja 850), li għandha tkun trattata bħala dħul assenjat f'termini ta' l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju.  
L-ammonti disponibbli mid-dividendi, bħall-prezz ta' l-ishma, jistgħu jkunu stmati biss fuq il-bażi tal-prestazzjoni fil-passat ta' l-EIF. Il-Kummissjoni qieset li dawn is-sorsi finanzjarji għandhom ikunu suffiċjenti, u fil-każ ta' żieda sinifikattiva fil-prezz ta' l-ishma, l-ispejjeż relatati jistgħu jkunu kumpensati b'żieda parallela fid-dividendi.

Ir-rapporteur tiegħek jipproponi li l-proposta tal-Kummissjoni tkun approvata mingħajr emendi, u tkun permessa ż-żieda fil-kapital u l-użu tad-dividendi għal dan l-iskop. Fil-fatt, il-Fond Ewropew ta' Investiment jidher li jilħaq id-dmirijiet tiegħu b'mod sodisfaċenti, b'hekk għandhom ikunu disponibbli mezzi finanzjarji biex huwa jkun jista' jkompli bl-attività tiegħu, bi qbil ma' l-oġettivi tal-Komunità fil-qasam ta' l-iżvilupp ekonomiku, l-SMEs u l-innovazzjonijiet.

Minbarra dan, il-proposta tippovdi għat-trażmissjoni diretta tar-Rapport Annwali ta' l-EIF lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li s'issa kien jitressaq biss liż-żewġ istituzzjonijiet mill-Kummissjoni. Ir-rapporteur tiegħek iqis din il-proposta bħala titjib, li żżid it-trasparenza u li tiżgura aktar informazzjoni fil-ħin għall-Parlament, u jipproponi li tkun approvata.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda ta' kapital tal-Fond Ewropew għall-Investment	
<b>Referenzi</b>	COM(2006)0621 - C6-0426/2006 - 2006/0203(CNS)	
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	17.11.2006	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 29.11.2006	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Esko Seppänen 20.9.2004	
<b>Diskussjoni fil-kumitat</b>	26.2.2007	12.3.2007
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	12.3.2007	
<b>Riżultat tal-vot finali</b>	+: 29	-: 0
	0: 0	
<b>Membri preżenti għall-vot finali</b>	Reimer Böge, Paulo Casaca, Brigitte Douay, James Elles, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Louis Grech, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Anne E. Jensen, Wiesław Stefan Kuc, Zbigniew Krzysztof Kuźmiuk, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Nils Lundgren, Vladimír Maňka, Francesco Musotto, Gianni Pittella, Esko Seppänen, László Surján, Helga Trüpel, Kyösti Virrankoski, Ralf Walter	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-vot finali</b>	Thijs Berman, Richard Corbett, Bárbara Dührkop Dührkop, Hans-Peter Martin, Paul Rübig, Margarita Starkevičiūtė	